**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦAMSIN**

**11 TA' LULJU, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **50.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 50.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| | | |
| **50.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 50.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tad- disgħa u erbgħin –il seduta. |
| ***50.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 50.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għall-permess ta' attivita' mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM f'Misraħ Santa Maria |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 50.3.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment biex:<br>• Jiżdiedu d-double yellow lines fi Triq it-Torri faċċata ta' garaxx ghax it-triq dejqa u ma jkunx jista joħroġ il-vettura tiegħu. Kien hemm qbil li titħalla sakemm membri tal-Kumitat Amministrattiv jara l-każ.<br>• Tabella one way fuq pole fi Triq il-Luq tinqala u titwaħħal fuq il-bankina. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM qed titlob permess għall-attivitajiet fit-18 u 19 ta' Awwissu, 2018, f'Misraħ Santa Marija. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 50.3.2 | | Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet:<br>• biex jitpoġġa velenu tal-ġrieden fi Triq il-Qiegħa – kien hemm qbil li jsir rapport<br>• issir devoluzzjoni mill-Gvern tal-art vojta fi Triq il-Qiegħa, biex il-Kumitat Amministrattiv jkun jista jagħmel proġett fuqu. |
| | | |
| 50.3.3 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia talab li jsir patching mad-dawra taċ-ċimiterju. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol. |
| | | |
| 50.3.4 | | Il-membru Joseph D'Amato talab li ċ-ċint tas-sejjieħ imwaqqa viċin iċ-ċimiterju, jittieħed mill-kuntrattur tal-bulky refuse. |
| | | |
| ***50.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss*** |
| | | |
| 50.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 8 ta' Awwissu, 2018 fil-17:30. |

Konfermati, illum ______ ta' AWWISSU, 2018.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**